



Brussell, 14 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11572/25

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2025/0209 (NLE)

---

UK 129  
MI 540  
COMPET 737  
CONSUM 139  
POLCOM 160  
ENFOCUSM 114  
UD 161  
EMPL 360  
SOC 520

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 389 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unioni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unioni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unioni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 389 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 389 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.7.2025  
COM(2025) 389 final

2025/0209 (NLE)

Proposta għal

### **DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>1</sup> (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”) b’rabta mal-adozzjoni prevista ta’ Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Anness 2 tal-Qafas ta’ Windsor<sup>2</sup>, li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta’ Windsor**

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ornat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Frar 2020. Fis-27 ta’ Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta’ Windsor. Fl-24 ta’ Marzu 2023, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta’ Windsor u ż-żewġ Partijiet qablu li jaħdmu flimkien b’mod intensiv u leali biex jimplimentaw l-elementi kollha tal-Qafas ta’ Windsor.

#### **2.2. Il-Kumitat Konġunt**

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqqa’ mill-anqas darba fis-sena jew fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqgħat u l-agħenda tiegħu permezz ta’ kunsens reċiproku.

Il-kompeti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitat speċjalizzati li jirraportaw lil;
- l-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet u rakkommandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fi;
- il-prevenzjoni ta’ problemi u s-soluzzjoni ta’ tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

#### **2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt**

Fil-laqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Qafas ta’ Windsor mal-Anness 2 tal-Qafas ta’ Windsor (“l-att previst”), skont l-Artikolu 13(4) tiegħu.

L-att previst isir vinkolanti fuq il-Partijiet f’konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. F’konformità mar-Regola 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-Kumitat

<sup>1</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: [http://data.europa.eu/eli/treaty/withd\\_2020/sign](http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign).

<sup>2</sup> Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta’ Marzu 2023, [ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#).

Speċjalizzati, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

### **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F’ISEM L-UNJONI**

#### **3.1. Anness 2 (“Dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4)”) tal-Qafas ta’ Windsor**

L-Anness 2 tal-Qafas ta’ Windsor fih id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 5(4) tiegħu.

Fis-27 ta’ Novembru 2024, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2024/3015 dwar il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmulin b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni<sup>3</sup>.

Ir-Regolament (UE) 2024/3015 jipprojbixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jintroduċeu u jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw mis-suq tal-Unjoni prodotti magħmul b’xogħol furzat. Il-Kummissjoni Ewropea jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri se jwettqu investigazzjonijiet dwar prodotti suspettati u jieħdu deċiżjonijiet li jimponu projbizzjonijiet meta jsibu evidenza li l-prodotti jsiru b’xogħol furzat. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jew tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jistabbilixxu li l-prodotti jkunu ġew prodotti b’xogħol furzat se jinkludu projbizzjoni fuq l-introduzzjoni jew it-tqegħid tal-prodotti kkonċernati fis-suq tal-Unjoni u li jesportawhom kif ukoll ordnijiet għall-operaturi ekonomiċi li jkunu ġew soġġetti għall-investigazzjoni biex jirtiraw il-prodotti li digħi ġew introdotti jew tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni (jew biex ineħħu kontenut minn interfaċċa online li tirreferi għall-prodotti jew l-elenkar tal-prodotti kkonċernati), u biex jiddisponu mill-prodotti kkonċernati f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

Dan l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, ħlief għall-Artikolu 36, huwa relataż mas-suq intern għall-oġġetti u għalhekk jaqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Qafas ta’ Windsor. Għalhekk, bl-eċċeżżjoni tal-Artikolu 36, għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta’ Windsor, taħt il-punt 47 “Oħrajn”.

### **4. BAŻI LEGALI**

#### **4.1. Bażi legali proċedurali**

##### **4.1.1. Prinċipji**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f-sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Barra minn hekk, il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħha tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-instrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”<sup>4</sup>.

##### **4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ**

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta’ prodotti magħmul b’xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L, 2024/3015, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3015/oj>).

<sup>4</sup> Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, [ECLI:EU:C:2014:2258](http://data.europa.eu/eli/jur/dec/2014/2258/oj), il-punti 61 sa 64.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

## **4.2. Bażi legali sostantiva**

### *4.2.1. Prinċipji*

Il-bażi legali sostantiva għal-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun semplicejment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominant.

### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-uniku objettiv u kontenut tal-att previst huwa li jiżdied att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Għalhekk, u f'konformità mal-prinċipju bażiku li att jista' jiġi emendat biss b'att tal-istess tip, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

## **4.3. Konklużjoni**

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 50(2) TUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

## **5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST**

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħi.

## Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta'**  
**Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta'**  
**Windsor**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>5</sup> (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135<sup>6</sup> u dāhal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor<sup>7</sup>, li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kunitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (il-“Kunitat Konġunt”) għandu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkti fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> huwa att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Dan ma japplikax għall-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament (UE) 2024/3015.
- (4) Il-Kunitat Konġunt, fil-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, bl-eċċeżżjoni tal-Artikolu 36 tiegħu, mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

<sup>5</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: [http://data.europa.eu/eli/treaty/withd\\_2020/sign](http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign).

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oi>).

<sup>7</sup> Id-Dikjarazzjoni Konguunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kunitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L, 2024/3015, 12.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3015/oi>).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Kumitat Konġunt”) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*